*Obbligazzjoni Fiducjarja; Gudizzju konfinat bit-talbiet fic-citazzjoni u intempestivita` ghal talba ta' hlas.*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2018**

**Numru 1**

**Citazzjoni Numru 369/98 TA**

**Paul Caruana**

**vs**

**Rudolphe Gaerty**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-Citazzjoni prezentata u mahlufa mill-Attur Paul Caruana fit-23 ta' Frar 1998 permezz ta' liema qed jitlob is-segwenti:-

> "Peress illi in virtu` ta' Skrittura Privata datata 16 ta' Gunju 1997, konkluza bejn l-attur u l-konvenut, giet trasfeita in toto l-attivita kummercjali mibdija u avvjata f'Malta mill-attur, li kienet tikkonsisti fl-Ufficcju Rappresentattiv hawn Malta tas-socjeta estera M.S.I. International (cia S.C.I. (U.K.) Limited), li n-natura tal-attivita taghha hija wahda ta' *head hunting*, u cioe li tidentifika kandidati potenzjali ghal-impjieg fis-settur bankarju u finanzjarju u setturi ohra u tirranga ghall-impjieg tal-istess fis-suq internazzjonali, kopja ta' liema Skrittura Privata hija hawn annessa u mmarkata bhala DOK.A;

Peress illi skond it-termini tal-istess Skrittura Privata, l-konvenut kellu jhallas lill-attur rati ta' kummissjoni skond in-natura u l-origini tal-*placements* ta' impjiegi maghmula, kif jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi mid-data tal-imsemmija Skrittura Privata sa llum, l-attur thallas biss is-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ta' hamsa u sebghin elf Lira Sterlina (Stg. 75,000), u dan meta skond il-kalkolazzjoni tal-attur abbazi tal-komputazzjonijiet minnu maghmula, il-pagamenti kellhom ilahhqu mill-anqas, ekwivalenti f'Liri Maltin, is-somma ta' erba mitt elf Lira Sterlina (Stg. 400,000);

Peress illi l-konvenut, minkejja li gie interpellat sabiex jeffettwa l-pagamenti kollha minnu hekk dovuti, anke permezz ta' zewg ittri ufficcjali baqa inadempjenti;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddikjarah responsabbli ghal-hlasijiet ta' dawk il-kummissjonijiet lilu dovuti fuq *placements* ta' impjiegi maghmula mill-konvenut mis-16 ta' Gunju 1997 sad-data tal-prezentata tac-Citazzjoni odjerna, u dan abbazi tal-iSkrittura Privata fuq imsemmija;

2. Tillikwida l-ammont totali ta' tali halsijiet ta' kummissjonijiet hekk dovuti kif fuq premess, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur tali ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri ufficcjali datati 1997 u 1998, u nteressi legali kontra l-konvenut li jibqa' minn sissa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ipprezentata u mahlufa mill-Konvenut Rudolphe Gaerty fl-20 ta' Mejju 1999 permezz ta' liema wiegeb is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament, ic-citazzjoni kif intavolata mill-attur hija irrita u nulla peress li fid-dikjarazzjoni annessa mal-istess citazzjoni, l-attur ma ikkonfermax liema huma dawk il-fatti li jaf bihom personalment kif rikjest mis-subinciz (3) tas-subartiklu (1) tal-Art. 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati peress li l-konvenut ma ghandu jhallas xejn lill-attur u dan il-fatt l-attur jafu tajjeb.

3. Jekk l-attur ghandu kwestjonijiet mas-socjeta` estera MSI International Limited, u jekk dawn il-kwestjoniiet irrizultaw f'relazzjonijiet infelici mal-istess socjeta` estera (kif ser jirrizulta

ampjament waqt is-smiegh tal-kawza), hu ghandu jindirizza l-azzjonijiet li jistghu jispettaw lilu kontra l-istess socjeta` u mhux kontra l-konvenut.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` mhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Wara li fliet sewwa l-atti tal-kawza, din il-Qorti siltet il-fatti li sawwru il-kwistjoni li ghandha quddiemha l-Qorti:-

**2.** Fl-1994, l-Attur fetah f'Malta, precizament fl-appartament numru 2, Block 39, Tigne Seafront, Sliema, SLM 15, Ufficcju Rappresentattiv tas-Socjetá estera Search Consultants International Limited (S.C.I.), kumpanija registrata gewwa r-Renju Unit, sussidjarja tas-socjetá Management Search Inc. (M.S.I.) registrata fl-istat tal-Georgia, l-Istati Uniti.

**3.** Il-Kumpanija MSI kienet tipprovdi servizz ta' *headhunting* lill-klijentela esklussivament barranija, billi tidentifika u tlaqqa' kumpaniji li jkollhom bzonn impjegati partikulari ma' individwi li jkunu qed ifittxu dak ix-xorta ta' mpjieg. Dan ix-xoghol kien jigi ezegwit minn Account Executives (AEs) permezz tat-telefon u *faxing*. Kumpanija li tasal biex timpjega lil xi hadd introdott lilha mill-Account Executives, kienet thallas somma lis-Socjetá S.C.I. li minnha l-Account Executive jiehu ammont f'kummissjoni. Kull impjieg li jigi effettwat b'dan il-mod kien jissejjah 'placement'.

**4.** Fl-istess sena li nfetah l-ufficcju tas-socjetá S.C.I. f'Malta bl-isem S.C.I. Malta (S.C.I.M), l-Attur dahal fi ftehim mal-istess, sabiex jigi regolat kif kellu jkun spartit il-qliegh generat mill-operat fl-ufficcju imsemmi. Skont dan il-ftehim, kif modifikat f'Jannar tas-sena 1996, il-kumpanija estera kellha tiehu 20% min dan il-qliegh, filwaqt li l-Attur jircievi r-rimanenti 80% li minnhom kellu, inter alia, jhallas il-kummissjonijiet dovuti lill-Account Executives (ara paragrafu 2.1 tal-fax message mibghuta mir-rapprezentant legali ta' l-Attur Dr. Alex Perici Calascione lil Gordon Ralph, chartered accountant tas-socjetá S.C.I. a` fol 430 u kif ukoll it-tieni paragrafu tal-ittra ffirmata mic-chief financial officer tal-kumpanija estera W. Wayne Whatley a` fol 213). In-natura ta' dan il-ftehim temergi ukoll mix-xhieda moghtija mill-Attur (a` fol 1219). Il-Konvenut beda jahdem bhala Account Executive fl-ufficju ta' SCI Malta (S.C.I.M) wara li dahal fi ftehim datat 2 ta' Gunju 1995 mas-

socjetá SCI (a` fol 446). Dan wara li sarlu *interview* mill-Attur stess kif ukoll mil-vici president tas-socjetá MSI u numru ta' Account Executives (ara affidavit ta' Rudolph Gaerty a` fol 1260). Fir-rigward ta' dan il-ftehim, irid jinghad li l-Qorti giet rinfaccjata b'fatti kemmxejn neboluzi kwantu jirrigwarda l-forma ta' dan il-ftehim.

**5.** Lejn l-ahhar tas-sena 1996 sa Mejju 1997, l-ufficju ta' Malta irregistra nuqqas ta' dhul minn 'placements'. Kien ghalhekk li s-Socjetá SCI baghtet lill-General Manager taghha, Maria Valuzzi, sabiex tistharreg l-Account Executives u tivverifika l-mod kif dawn kienu qed joperaw.

**6.** Minn dawn l-investigazzjoni, is-Socjeta' SCI tghid li rrisultalha li l-'placements' mill-Account Executives kienu fil-fatt qed isiru. Dejjem skont dawn l-investigazzjonijiet, jidher li kienu qed jigu ffatturati direttament mill-Attur, bla ma jinforma lis-Socjetá S.C.I. Il-hlasijiet li jsiru kienu qed jintbaghtu direttament f'kontijiet f'isem l-Attur minghajr ma jigu mghoddija lis-Socjetá imsemmija skont il-ftehim li kellhom (ara traskrizzjoni tal-President tas-Socjetá SCI, Eric Lindberg, a` fol 1399, 1414 u 1420 u affidavit tal-Konvenut a` fol 1262 u 1263). Irid jinghad ukoll, li fl-Affidavit tieghu l-Attur jichad li wettaq xi skorrettezzi u sahansitra jallega li rrisulta li dawn l-allegazzjonijiet kienu infondati (a` fol 33).

**7.** Pero' kienet x'kienet il-verita`, dan kollu wassal sabiex is-Socjetá SCI tilfet kull fiducja fl-Attur. Ghalhekk itterminat kull assocjazzjoni li

kellha mieghu permezz ta' ittra datata 6 ta' Gunju 1997 u ffirmata mill-vici President Joe Wiggins (a` fol 426). F'din l-ittra insibu hekk:-

> "*As you know we have been associated with you over the past few years and that association has been based on trust as opposed to legal contract.*
>
> *In the recent past we have discovered several incidents that have destroyed that basis of trust and hence we are hereby giving you a thirty (30) day notification of the termination of our association.*
>
> *We will do everything we can in this thirty (30) day period to help you in this transition but please remember that: 1) you must change your name and 2) we must have a complete reconsiciliation/payment/accounting on money owed to us. All pending (Hot Sheet) business will be treated per our agreement.*
>
> *We are in the process of auditing the accounts and will provide you with a complete picture when it is completed.*"

**8.** Peress li l-Konvenut kien l-iktar Account Executive promettenti, mhux biss fost l-Account Executives impjegati mal-S.C.I. fl-Ingilterra, izda wkoll fost l-Account Executives impjegati mal-M.S.I. f'Giorgia, l-Amerka, (ara Dok XX6 li juri l-Konvenut bhala top biller fis-sena 1997; ara wkoll xhieda ta' Eric Lindberg a` fol 1399) is-Socjetá SCI offrew lill-Konvenut sabiex jiggestixxi hu l-ufficcju taghha f'Malta flok l-Attur.

**9.** Il-Konvenut accetta u permezz ta' ftehim datat 15 ta' Gunju 1997 (a` fol 427), is-Socjetá SCI tat lill-Konvenut is-setgha li jopera ufficju tieghu f'Malta f'isem SCI. Ghal ragunijiet spjegati fl-affidavit tieghu, il-Konvenut ghazel li jibqa' jmexxi l-attivita' tas-Socjetá SCI mill-istess ufficju tal-Attur. Wara skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet fil-kawza rigward il-mod kif l-attivita` kellha tghaddi minn fuq l-Attur ghal fuq il-Konvenut (ara l-ahhar fax message mibghut mill-attur a` fol 384), intlahaq il-ftehim tas-16 ta' Gunju 1997 mal-Konvenut (a` fol 11).

**10.** Permezz ta' dan il-ftehim , il-Konvenut intrabat b'numru ta' obbligi li llum jaghmlu parti mill-mertu ta' tlett kawzi civili, inkluza dik odjerna, istitwiti mill-Attur kontra l-Konvenut. Iz-zewg proceduri l-ohra, huma Citazzjoni Numru 354/2001 LSO fl-ismijiet Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited et, li ghadha pendenti, u Citazzjoni Numru 66/2004 JPG fl-ismijiet Paul Caruana vs Rodolphe Gaerty et , deciza fit-22 ta' Frar 2017 (a` fol 1963) u li tinsab appellata.

**11.** Ghall-kompletezza tan-narrativa fattwali ta' din il-kawza, il-Qorti thoss li ghandha tirreferi ghall-fatt li fil-mori ta' dawn il-proceduri, u cioe` li fl-14 ta' Frar 2000, is-Socjetá S.C.I. itterminat kull relazzjoni ma' Malta. Dan jirrisulta minn ittra mibghuta lill-Konvenut (a` fol 433) bir-raguni principali tkun, li din is-Socjeta' ma riditx li tibqa' assocjata mal-Attur, anke jekk dan ma kienx ghadu jmexxi l-attivita` taghhom. Sussegwentement, il-Konvenut fetah ghal rasu attivita` ta' 'headhunting business', bl-isem Global Executive Search (Malta) Limited.

**Punti ta' Ligi**

**12.** Permezz tal-kawza odjerna, l-Attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex, abbazi tal-iskrittura tas-16 ta' Gunju 1997, tiddikjara u tikkundanna lill-Konvenut ihallas dawk il-kummissjonijiet li skontu huma dovuti lilu fuq placements ta' impjiegi maghmula mill-Konvenut mid-data tal-iskrittura, cioe` s-16 ta' Gunju 1997, sad-data tal-prezentata tac-Citazzjoni, cioe' t-23 ta' Frar 1998. L-attur qed isostni li skont il-kalkoli tieghu, kellu jircievi hlasijiet oghla minn dawk effettivament moghtija lilu sad-data tac-citazzjoni.

**13.** L-obbligi tal-Konvenut ghall-hlas ta' 'placements' naxxenti mill-iskrittura inkwistjoni huma regolati fl-artikolu 6 (a` fol 14) u s-sub-artikolu 3 tal-artikolu 7 (a` fol 15).

L-Artikolu 6 intitolat 'Sums due to Transferor' jispecifika s-segwenti:-

> "*Both parties hereto specifically agree and recognize that as at the Effective Date, the Transferor* (Paul Caruana) *is owed from all the current activity pending and arising from the operation of the Business* (fil-preliminari, 'the business' huwa definit bhala '*a head-hunting business activity under the name of S.C.I., under authorization and license from S.C.I. Limited, the European Headquarters of Search Consultants International*') *by him unto such date, which current activity is listed in the Inventory marked as DOCUMENT B, attached herewith and forming an integral hereof, together with such activity as is or may be generated by placements arising from interviews between candidates*

*and companies that were at any time until the Effective Date* (li hija d-data tal-iskrittura, ossia 16 ta' Gunju 1997) *in any past or present Hot Sheets and Records of the Business*.

*In this respect, the Transferee* (Rudolph Gaerty) *undertakes and is hereby entering into an obligation unto and in favour of the Transferor, to pay the Transferor such sum, as is equivalent to eighty per cent (80%) of all payments received by S.C.I. (UK) made following the successful conclusion of all such placements mentioned above, less the amounts representing commissions due to the Accounts Executives, which commissions will be those listed in the Commission List marked as DOCUMENT C, attached herewith and forming an integral part hereof.*

*Provided that said payments will be effected by the Transferee immediately in the event that there is no guarantee attached to the placement. In the event that there is such a guarantee, then the Transferee is to effect payment immediately upon the expiry of the validation period attached to such guarantee.*"

Permezz tal-Artikolu 7.3 l-Konvenut obbliga ruhu wkoll sabiex jeffettwa:-

"*The annual payment by the Transferee unto and in favour of the Transferor, for a definite period of five (5) years and three (3) months commencing from the Effective date and terminating on the sixteenth (16th) day of September of the year two thousand and two (2002), of such sum as is equivalent to five per centum (5%) of all cash-ins generated by the various placements made by the Business as received*

*by the Office of S.C.I. (U.K) throughout each particular year provided this sum will not be calculated on the activity mentioned in Article six thereof*."

**14.** Dan ifisser, li l-azzjoni li qieghed jesperita l-Attur f'din il-kawza hija dik tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tal-Konvenut, liema inadempjenza ghandha, skontu, twassal ghall-kundanna ta' hlas ta' diversi sommom bis-sahha tal-artikli tal-ftehim sucitati. Di piu', mill-mod ta' kif inhi imfassla u ppostulata c-citazzjoni, din il-Qorti trid bil-fors titratta kemm it-tempestivita` tat-talbiet Attrici ta' parti mill-pagamenti li qeghdin jigu riklamati, u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi artikolu 1072 tal-Kodici Civili, kif wkoll il-mod ta' kif din il-Qorti hija cirkoskritta li tiddeciedi t-talbiet Attrici infushom.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**15.** Il-Konvenut b'mod preliminari eccepixxa n-nullitá tac-citazzjoni "peress li fid-dikjarazzjoni annessa mal-istess citazzjoni, l-attur ma ikkonfermax liema huma dawk il-fatti li jaf bihom personalment kif rikjest mis-subinciz (3) tas-subartikolu (1) tal-Art. 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta." (a` fol 20).

**16.** Din il-Qorti, diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni titratta eccezzjoni ta' din ix-xorta fis-**Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili fl-ismijiet Anthony Scerri pro et noe vs Richard Gauci datata 28 ta' Novembru 2002 per Imhallef Joseph R. Micallef** fejn intqal hekk:-

"*Illi l-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni minn min ikun ħalef id-Dikjarazzjoni li jgħid liema huma l-fatti li jaf bihom personalment huwa nuqqas mhux traskurabbli, li jinkwadra ruħu fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12. Dan jingħad aktar u aktar meta wieħed iqis li l-liġi, fl-artikolu 156(3), tuża l-kelma mandatarja "għandu". Dan juri b'liema fehma l-leġislatur irid li tali rekwiżit jiġi osservat minn min iressaq l-att ġudizzjarju partikolari;*

*Illi, madankollu, dan biss ma jwassalx biex l-att taċ-ċitazzjoni jitqies ma jiswiex, għaliex hu meħtieġ mill-liġi nnifisha li n-nuqqas ma jkunx jista' jiġi mod ieħor imsewwi taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi (Ara l-proviso ghall-artikolu 789(1) tal-Kap 12). Fost dawn hemm l-għoti ta' provvedimenti li l-liġi tgħid li l-Qorti tista' tagħti waqt is-smigħ tal-kawża biex tiżgura li jkun hemm tħaris għal kollox ma' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' proċedura. Jekk, imbagħad, wieħed jippretendi li, sempliċement biex tkun ġiet imħarsa l-formalita' tal-att, min ikun ressaq dikjarazzjoni li formalment ikun stqarr fiha li jaf il-fatti personalment bla ma dan ikun minnu, wieħed ikun qiegħed jistenna li aħjar jittieħed ġurament ħażin milli jkun hemm nuqqas fl-att. Dan m'għandux ikun. Ta' min jgħid ukoll li, f'każ li bniedem (attur) jiddikjara li jaf il-fatti personalment u dan ma jkunx minnu, mhux tabilfors li dan iwassal għat-tħassir tal-att taċ-ċitazzjoni (Ara P.A.* **21.2.1997** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Vella et vs Camilleri*** (Kollez. Vol:**LXXXI.iii.30)** *jekk din tista' tiġi mod ieħor imsewwija taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi;*

*Illi dan juri li n-nuqqas li jilmenta minnu l-imħarrek taħt dan il-kap ma huwiex tali li ma jistax jiġi iċċarat waqt is-smigħ tal-każ. Minbarra dan, u fl-aħħarnett, ma jirriżultax li bin-nuqqas ilmentat mill-imħarrek dwar l-att taċ-ċitazzjoni, huwa ġarrab b'dak in-nuqqas preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att (Art. 789(1)(c) tal-Kap 12);*"

**17.** Applikati dawn l-osservazzjonijiet ghall-kawza prezenti, din il-Qorti hija konvinta li bin-nuqqas ta' konferma min-naha tal-Attur fis-sens tal-artikolu 156(1)(3), il-Konvenut ma soffra l-ebda pregudizzju tali li ma setax gie ccarat waqt is-smiegh tal-kawza. Difatti l-Konvenut fl-ebda mument tul il-prosegwiment tal-kawza, lanqas fl-istadju tan-noti ta' sottomissjonijiet, ma nsista fuq din l-eccezzjoni. L-anqas ma jirrisulta, li fil-kors ta' din il-Kawza, minhabba din l-allegata mankanza, il-Konvenut iltaqa' ma xi xkiel, diffikulta` jew tqieghed f'xi zvantagg biex ikun jista' jaghmel id-difiza tieghu jew jikkumbatti l-pretensjonijiet tal-Attur. Ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li din l-eccezzjoni hija gustifikata u sejra tichadha.

Sorvolata din il-problema procedurali, jmiss issa li jkun trattat il-mertu.

**18.** Minn dak li siltet il-Qorti, fehmet li l-Attur qieghed jitlob zewg hlasijiet naxxenti mill-ftehim datat 16 ta' Gunju 1997. Il-kawza hija kollha kostruwita fuq dan il-ftehim, u cioe` l-pedament legali li fuqu jistriehu l-pretensjonijiet u l-ilmenti Attrici. Hlasijiet li l-attur qieghed jippretendi li huma dovuti ai termini tal-artikli 7(3) u 6 rispettivament ta'

dan il-ftehim. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra fis-segwenza imsemmija, jekk dawn il-hlasijiet, humiex fondati kemm fil-fatt u anke fil-ligi.

**19.** Fir-rigward tal-artikolu 7.3 tal-ftehim imsemmi, il-Konvenut kellu jhallas pagament annwali ta' 5% ghall-perjodu ta' hames snin u tlett xhur mid-data tal-istess skrittura fuq 'placements' li gew konkluzi mid-data imsemmija. Li l-pagament kellu jkun annwali, huwa konfermat testwalment mill-ewwel sentenza ta' dan is-subartiklu li jipprejambola hekk: "*The annual payment by the transferee unto and infavour of the transferor…*" (a` fol 15).

**20.** Minn dan isegwi, li b'mod kalendat, l-ewwel pagament kellu jigi effettwat fis-16 ta' Gunju 1998. Ghalhekk wara t-23 ta' Frar 1998, li hija d-data ta' meta giet istitwita l-Kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti. Kif diga' intqal aktar 'l fuq, din il-Qorti hija cirkoskritta fid-decizjoni taghha, bil-mod kif gew formulati t-talbiet Attrici. Il-Qorti giet adita sabiex tikkonsidra perjodu definit, sa fejn jiirgwarda l-artikolu 7.3 tal-imsemmi ftehim (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Dr. Alex Perici Calascione a` fol 1545 u 1546).

**21.** Ai fini ta' kjarezza il-Qorti qeghdha tirriproduci l-ewwel talba Attrici biex jigi mifhum ahjar ir-ragunament taghha, inkwantu jirrigwarda dan il-pagament partikulari. L-ewwel talba Attrici tghid hekk: "Tiddikjarah responsabbli ghall-hlasijiet ta' dawk il-kummissjonijiet lilu dovuti fuq

'placements' ta' impiegi maghmula mill-Konvenut mis-*16 ta' Gunju 1997 sad data tal-presentata tac-citazzjoni odjerna, u dan abbazi tal-iskrittura privata fuq isemmija."* (sottolinejar ta' din il-Qorti). Ghalhekk, fid-dawl ta' dak mitlub mill-Attur stess f'din l-kawza, din il-Qorti tista' biss tikkonsidra hlasijiet dovuti sat-23 ta' Frar 1998, li hija d-data li fiha giet istitwita din l-azzjoni, u mhux ta' dawk li setghu mmaturaw posterjorament ghall-presentata taghha.

**22.** Dan ifisser ukoll li sa fejn jirrigwarda hlasijiet taht artiklu 7(3), hemm ukoll il-problematika li tinsab f'artiklu 1072 tal-Kodici Civili dwar hlasijiet bil-beneficcju tat-terminu. Dan l-artiklu jistabilixxi hekk:-

> "Dak li ma jkollux jingħata ħlief fi żmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-egħluq ta' dak iż-żmien, imma dak li jkun tħallas bil-quddiem, ma jistax jintalab lura lanqas jekk id-debitur fiż-żmien tal-ħlas ma kienx jaf bil-ftehim dwar iż-żmien".

**23.** F'dan ir-rigward hija sinjifikanti x-xhieda in kontro ezami tal-Attur fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2007 (a` fol 1131 sa 1133). F'din ix-xhieda intqal hekk:-

> "**Dr. Wayne Pisani**: ... issa jien staqsejtek, dan l-annual payment meta kien dovut?
>
> **Mr. P Caruana**: L-annual payment mhux qed nara fejn.
>
> **Dr. W. Pisani**: L-ewwel tlett kelmiet.

**Mr. P. Caruana:** Ehe , suppost wara sena tal-kuntratt , on the 16th of June.

**Dr. W. Pisani**: Inti l-kawza ftahtha fi Frar tan-98.

**Mr. Paul Caruana**: Jiena ftahtha, ghax jiena tajtu sena cans Sur Imhallef, biex ihallasni ta' kollox.

**Qorti**: Ma kienx ghadda sena cans, dik hija l-mistoqsija ta' Dr. Pisani.

**Mr. P. Caruana**: Iva, imma jiena hu kien diga baghtli ittra li mhux ser ihallasni. Issa jiena hallejtlu d-data base, l-ufficju tieghi, l-ghamara, hallejtlu kollox, ghaliex jiena zammejt five percent (5%) tal-Kumpanija.

**Dr. W. Pisani**: Din l-ittra esebejtha li baghtlek is-Sur Gaerty li mhux ser jhallsek?

**Mr. P. Caruana**: SCI kienet baghtet l-ittra.

**Dr W. Pisani**: Le, dan l-agreement, ha naghmlu hekk, SCI iffirmatu dan l-agreement ?

**Mr. P Caruana**: Le.

**Dr. W. Pisani**: Le, mela is-Sur Gaerty baghtlek xi ittra li mhux ser ihallas?

**Mr. P. Caruana**: M'hemmx ghalfejn jibghatli ittra, kelli niftahlu kawza ghax ma hallasniex il-flus, m'hemmx ghalfejn jibghat ittri, c-cheuqes irid jibghatli. "

**24.** Minn din ix-xhieda jirrisultaw zewg affarijiet. **L-ewwel** li l-Attur huwa neboluz fil-hsieb u fil-mod li jikkoncepixxi l-pretensjonijiet tieghu. F'mument qed jghid b'mod kategoriku li kien ircieva ittra minghand il-konvenut li ma riedx ihallsu u f'iehor, bl-istess mod kategoriku, jiddikjara

li ma kienx hemm din l-ittra. **It-tieni**, tifhem lil Dr. Alex Perici Calascione meta xehed:-

> "Nghid ma' dan kollu illi jiena fil-kapacita' professjonali tieghi, meta rajt certu klawsoli li kienu jaghmlu parti minn dan il-ftehim kont urejt certa riserva fil-konfront ta' dak li kien qieghed jaccetta l-attur pero' meta gbidt l-attenzjoni tas-sur Caruana dwar dan , qalli illi l-ftehim ried jaccettah kif kien imfassal." (a` fol 802)

**25.** Minn dan jemergi, kemm l-Attur ma kienx japprezza l-effett negattiv, f'sens legali, tad-decizjonijiet li kien jiehu kif jidhirlu u jahseb hu.

**26.** Mhux ghaliex l-artiklu tal-ligi ma hux car bizzejjed fih innifsu, izda jesistu ammont sostanzjali ta' Sentenzi ta' dawn il-Qrati li jamplifikaw fuq l-effetti ta' dan l-artiklu tal-ligi, meta pagament jintalab mill-kreditur qabel iz-zmien miftiehem. Fost ohrajn hemm is-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri per Imhallef Philip Sciberras tat-23 ta' April 2010 fl-ismijiet Simonds Farsons Cisk Plc -vs- Raymond Martin Camilleri** fejn intqal hekk:-

> *"Naturalment l-obbligazzjoni titwieled fil-gurnata tal-ftehim, biss dak li ma jkellux jinghata hlief fiz-zmien stabbilit ma jistax jintalab qabel l-gheluq ta' dak iz-zmien. Ara Artikolu 1072, Kodici Civili u "Spiridione Camilleri -vs- Neguzjant Godwin L. Muscat", Appell Kummercjali, 23 ta' Ottubru, 1936; Ikkonsidrat ukoll li s-sitwazzjoni giet trattata fil-kawza fl-ismijiet "G. D'*

*Emanuele vs C. Zahra" deciza fl-10 ta' Marzu 1953 (XXXVII.iii.841) fejn il-Qorti sostniet illi kemm il-darba it-telf tal-benificcju tat-terminu ma jkunx gie espressament stipulat fl-istess ftehim, allura sabiex dan isehh trid issir talba giudizzjarja "ad hoc" li tali beneficcju huwa terminat, liema dikjarazzjoni tista' tinghata mill-Qorti, jekk jikkonkorru d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1079 tal-Kap 16. Tal-istess portata hija s-sentenza flismijiet "Sac. Camilleri vs Dr. Fenech et" (28.10.1895 - XV.258). Illi din hija konkluzzjoni logika ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 1072 tal-Kap 16, li jiddisponi "inter alia" illi "Dak li ma jkollux jinghata hlief fi zmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-gheluq ta' dak iz-zmien" u ukoll tal-Artikolu 1079 tal-Kap 16 fejn jindika c-cirkostanzi fejn "id-debitur ma jkunx jista' jitlob izjed il-benificcju taz-zmien".*

**27.** Fid-dawl ta' dan it-taghlim, minn imkien mill-atti ma jirrisulta li kien hemm xi raguni skont il-ligi, ghalfejn il-Konvenut kellu jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu lilu moghti ghall-hlas. Izda anke li kieku, l-Attur kellu jitlob b'mod specifiku u b'talba 'ad hoc' lil din il-Qorti biex tiddekadi lill-Konvenut minn dan il-beneficcju. Ic-citazzjoni Attrici ma tikkontjeni ebda talba ta' din ix-xorta.

**28.** Li ma kienx ghal dak li ser jinghad 'l isfel, il-Qorti forsi kienet tkun f'posizzjoni li tapplika l-principju tal-"ius superveniens" ghall-pagamenti li setghu mmaturaw fil-mori tal-kawza. Izda minhabba l-fatt li l-azzjoni Attrici tinkalja fuq sikka procedurali, inkwantu jirrigwarda l-pagamenti li qed jintalbu ai termini tal-artiklu 7(3) tal-ftehim imsemmi, dan ma tistax

taghmlu. Dan qieghed jinghad ghaliex, il-Qorti hija espressament cirkoskritta bil-mod kif inhi imfassla c-citazzjoni kwantu ghall-perjodu li matulu qeghdin jintalbu l-hlasijiet.

**29.** Kieku kellha tmur lil hinn mill-perjodu li qieghed espressament jintalab fic-citazzjoni, din il-Qorti tkun indubbjament qed tiddeciedi "extra petita". Fi ftit kliem, din il-Qorti hija konfinata b'data preciza u cioe' **mid-data tal-iskrittura imsemmija sal-presentata tac-Citazzjoni** (ara supra l-ewwel talba tac-Citazzjoni Attrici). Pagamenti li setghu immaturaw wara din id-data, anke fil-mori tal-kawza, ma jifformawx l-oggett ta' kontestazzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti. Huwa propju minhabba f'hekk li l-principju ta' "ius superveniens" mhux applikabbli ghall-kaz.

**30.** Sa fejn jirrigwarda l-mod kif formulata l-ewwel talba Attrici ssir referenza ghas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell per Imhallef Mark Chetcuti tal-11 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet Lay Lay Company Ltd vs L-Ghajn Construction Company Ltd** fejn intqal hekk:-

> *"Kif qalet il-Qorti ta' Appell, tat-12 ta' Lulju, 1965 fl- ismijiet***Joseph Gatt -vs- Joseph Galea***: 'F'okkazjonijiet ohra din il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f'kawzi joqghod rigorozament fl-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma*

*ssollevawx u ma ssottomettewx ghad decizjoni tieghu, a meno che non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva ex officio.'* ( **Ara ukoll Melita cable Plc -vs- Awtorita' Dwar il-Kommunikazzjoni , Appell Civili Inferjuri tat-13 ta' Frar 2009).**

**31.** Dan ifisser, li fid-dawl ta' dak intqal hawn fuq, it-talbiet Attrici, sa fejn jirrigwardaw hlasijiet ai termini ta' artiklu 7(3) tal-ftehim fuq imsemmi ser jigu michuda.

**32.** Il-Konvenut eccepixxa li l-Attur "ghandu jindirizza l-azzjonijiet li jistghu jispettaw lilu kontra l-istess socjetá [socjetá estera MSI International Limited] u mhux kontra l-Konvenut" (vide fol 20). Sabiex tiddetermina din l-eccezzjoni, il-Qorti trid qabel xejn tidentifika l-indole tal-vinkolu legali li jorbot lill-Konvenut bis-sahha ta' artikolu 6 tal-ftehim in kwistjoni jekk, dejjem hemm dan il-vinkolu.

**33.** Ghalhekk l-ewwel ma ghandu jkun stabbilit hu, jekk bis-sahha ta' artikolu 6 tal-ftehim, sehhitx novazzjoni *ex parte debitoris* fit-termini li jipprovdi l-artikolu 1179(b) tal-Kodici Civili. Waqt li din il-Qorti kienet qed tifli dan il-ftehim, ma ltaqat ma ebda dikjarazzjon espressa min-naha tal-Attur, li fil-kwalita' tieghu bhala kreditur tas-Socjetá S.C.I., kien qed espressament jehlisha mir-rabta tal-hlas dovut skont il-ftehim li kellu ma' din is-Socjeta', kif modifikat f'Jannar tas-sena 1996, u dan b'konsegwenza tal-ftehim tas-16 ta' Gunju 1997 bejnu u bejn il-Konvenut.

**34.** L-ewwel paragrafu tal-artiklu 6 tal-ftehim espressament jiddikjara li l-Attur "…. is owed from *all the current activity pending and arising from the operation of the Business* (cioe '*a head-hunting business activity under the name of S.C.I., under authorization and license from S.C.I. Limited*') *by him unto such date, … together with such activity as is or may be generated by placements arising from interviews between candidates and companies that were at any time until the Effective Date in any past or present Hot Sheets and Records of the Business*."

**35.** Mill-mod kif gie redatt il-ftehim, hemm indikazzjoni tad-distinzijoni li l-partijiet riedu jzommu bejn il-hlasijiet taht artiklu 6 u dawk taht artiklu 7 tal-ftehim inkwistjoni. Fil-waqt li artiklu 6 jaghmel referenza ghall-hlasijiet *dovuti mill-attivita',* artiklu 7 specifikament jitratta f'hiex tikkonsisti *l-konsiderazzjoni* li kellu efftivament ihallas il-Konvenut inkwantu jirrigwarda t-trasferiment li sehh bejn il-partijiet. Di fatti, kuntrarjament ghan-nomenklatura impersonali utilizzata f'artiklu 6, artiklu 7 tal-ftehim kategorikament jistabilixxi s-segwenti:- *"In consideration of the transfer being affected today, the Transferee enters into an obligation to pay unto and infavour of the Transferor the following : ……"* .

**36.** Minn dan kollu, din il-Qorti ghandha ghalfejn tikkonkludi, li l-Attur ma kellu l-ebda intenzjoni li jaccetta xi xorta ta' delega fis-sens espress fl-artikolu 1179 (b). Dan gie sostnut ukoll mis-Socjetá S.C.I stess, f'ittra

datata 22 ta' Mejju 2001 (a` fol 210) minn SCI lill-Attur, lill-Konvenut u lir-rapprezentanti legali taghhom fejn qallu li "*We could not legally allocate or pay any "agent" commission due to Paul Caruana to any other agent since Paul Caruana never delegated to us such a payment to be made to Rudolph Gaerty or anyone else.*"

**37.** Is-Socjeta` SCI kellha ragun targumenta b'dan il-mod, ghaliex kif tghallem il-gurisprudenza lokali "Huwa fuq id-debitur illi jallega li nħeles bin-novazzjoni l-oneru li juri illi tassew kien hemm l-istqarrija espressa tar-rieda tal-kreditur li jeħilsu mid-dejn, kif irid l-art. 1183." (**ara Decizjoni tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Giannino Caruana Demajo fl-ismijiet The Cargo Handling Company -vs- N.O.V.I.T.A Construction Company Ltd et tal-4 ta' Novembru 2003)**. Dan ifisser, li li kieku SCI hallset dak li seta' kien dovut lill-Attur lill-Konvenut, kienet tkun legalment skorretta, ghax xorta kienet tkun ghadha tenuta thallas lill-Attur.

**38.** F'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li xehed Dr. Alex Perici Calascione:-

> "Dejjem b'referenza ghal klawsola numru 6, qieghed nigi mistoqsi jekk is-Sur Caruana bhala trasferitur kienx tah xi delega lil SCI biex hi thallas jew teffettwa pagamenti lil Rudophe Gaerty u jiena nghid li delega f'dak is-sens ma kienitx saret. Pero' naghmel referenza ghall-klawsola 7.3 tal-ftehim, fejn jirrisulta li kien is-Gaerty bhala transferee iddelega bi qbil ma'

is-Socjeta SCI biex hlasijiet ghall-kuntratti jew negozji li bdew qabel id-data tal- ftehim isiru dirtettament lis-sur Caruana ” (a’ fol 804).

**39.** Izda meta l-Qorti ezaminat din ix-xhieda fil-kuntest, kemm tal-fatti u kif ukoll tal-punti legali involuti fil-kawza, iltaqghet ma’ tlett staneg fattwali u legali:-

**L-ewwel**, li kif trid il-ligi u kif intqal aktar l fuq, id-delega kellha tinghata espressament mill-Attur qua kreditur ta’ SCI u mhux mill-Konvenut. F’dan il-kaz it-transferee ma huwiex il-kreditur tad-delegat.

**It-tieni**, l-istess SCI ddikjarat li hi qatt ma rceviet xi delega minghand Paul Caruana (ara supra cit a` fol 210 ) u dan kif ikkonfermat mix-xhieda appena citata.

**It-tielet**, dak li qieghed jirreferi ghaliha bhala delega Dr. Alex Perici Calascione u li tissemma’ fit-tielet paragrafu tal-artiklu 7.3 tirreferi “.....to these particular payments *subject of this present sub-article....”* . (a` fol 15 u emfazi tal-Qorti). Ghalhekk, ma hux korrett meta jinghad li din tapplika ghall-artiklu 6, peress li artiklu 7.3 qieghed jaghmilha cara li tapplika biss ghal dak is-subartiklu.

**40.** Imiss li jigi ezaminat jekk il-Konvenut assumiex xi obbligazzjoni fidejussorja ai termini tal-artikoli 1925 tal-Kodici Civili fid-dawl ta’ dak li jipprovdi artiklu 6 tal-ftehim imsemmi. Kif tinsenja l-**Qorti Civili Prim’**

**Awla fis-Sentenza fl-ismijiet Joseph Xuereb vs Emmanuele Cremona moghtija fis-7 ta' Marzu 1957**:-

"*Skond l-art. 2029 (art. 1925) tal-Kodici Civili, il-pleggerija hija kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wiehed iehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu. Jigifieri, li l-obbligazzjoni tal-plegg hija essenzjalment accessorja; ghaliex huwa ma jintrabatx, bhad-debitur, b'mod principali, izda ghall-kaz biss li d-debitur ma jezegwix l-obbligazzjoni tieghu; u dina l-kondizzjoni accessorja u subordinata jammettiha l-istess attur. Xejn ma jiswa li fic-citazzjoni jinghad li l-konvenut "assuma li jhallas", ghaliex din mhix assunzjoni ta' dejn vera u proprja, fis-sens ta' "constitutum debiti alieni" tad-Dritt Ruman. Difatti l-hlas kellu jsir jekk Ciappara ma jhallasx; u biex ikun hemm din l-assunzjoni huwa mehtieg li l-obbligazzjoni tkun giet assunta b'mod principali. "La promessa di pagare il debito altrui", josserva* ***Baudrey***, *"non e' una vera fideiussione; essa costituisce una obligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione" (Fideiussione, para. 916). F'dan is-sens hija wkoll il-gurisprudenza taghna (**Kollez. XXVII-I-817; u App. Inf., 30. 10. 1937 in re "Vittorio Cassar vs. Carmelo Vassallo", inedita**).*"

**41.** Hija l-fehma soda ta' din il-Qorti li d-dispost tat-tieni paragrafu tal-artikolu 6 tal-ftehim in kwistjoni ma joffrix rabta garantita mill-Konvenut bil-mod kif titlob il-ligi fid-dawl tal-principji appena spjegati.

**42.** Din il-Qorti lanqas ma tista' tikkonkludi li l-accettazzjoni tal-Konvenut li jhallas lill-Attur 'somma ekwivalenti' (such sum, as is equivalent to) ghal 80% (nieqes kummissjoni dovut lill-Account Executives) tal-hlasijiet kollha ricevuti mis-socjetá S.C.I. generati mill-'placements' imsemmija fil-paragrafu tal-artikolu 6 tal-ftehim inkwistjoni, tammonta ghall-assunzjoni personali mill-Konvenut tad-dejn tas-socjetá S.C.I.

Kif gie insenjat,

> "Il-principji guridici centrali ghall-istitut ta' l-assunzjoni tad-dejn ta' haddiehor essenzjalment huma:
>
> ***(i)*** "*l'assunzione del debito per parte di un terzo è una figura guiridica diversa dalla fidejussione, poichè, chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussiore. Essa è anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazzione del debitore"* (**Bartolo v. Vigo**, **deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Gunju 192*9*) .**
>
> ***(ii)*** *l-assunzjoni tad-dejn jippresupponi li l-obbligazzjoni tkun giet assunta minn dak li jkun b'mod principali. Dan fis-sens ta' "constitutum debiti alieni" ossija tal-"animus solvendi debiti alieni" tad-dritt Ruman (**Kollez. Vol. XLI – ii – 924**). Josserva l-Baudry (Fideissione para 916) "la promessa di pagare il debito altrui non è una vera fideissione; essa costituisce una obligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione* ( ara **PJ Sutters Company Limited v.**

**Michael Debono, Appell Civili Nru. 763/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004** )

***(iii)*** *Il-kuncett ta' assunzjoni ta' dejn ta' haddiehor mhux mehtieg li jirrizulta minn kitba, u jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-ligi, però tali prova trid tkun cara, certa u konkludenti.* (**Attard & Co Limited v. MA Supermarkets Limited et, Citaz. Nru. 34/02TM deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2003**)

u

***(iv)*** Sabiex ikun hemm assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li *l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, li mhux tieghu ma jfissirx, li huwa assuma dak id-dejn."* (ara **Zammit vs Frendo Azzopardi**, **deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Mejju 1943** u **Satariano Limited vs Scala Developments Limited, Qorti tal-Appell (Inferjuri) 26 ta' Marzu 2010**).

**43.** Fid-dawl ta' dawn il-principji, hija l-fehma tal-Qorti li l-obbligu tal-Konvenut li jhallas somma ekwivalenti ghal 80% tal-hlasijiet kollha ricevuti mis-socjetá S.C.I. ma tirrizolvix ruhha f'assunzjoni ta' dejn da parti tal-Konvenut b'tali mod li sar "ko-debitur principali mal-ewwel debitur" (**J. & C. Pisani Limited vs Nicholsons The Supermarket Limited**, **Prim' Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 2003**). Id-dicitura tat-tieni paragrafu tal-artikolu 6 tal-ftehim ma twassalx ghal konvinzjoni "cara, certa u konkludenti", li l-Konvenut ghamel tieghu l-obbligazzjoni ta' S.C.I. billi jhallas tali ammont personalment. Dan iktar u iktar meta

jitqies il-fatt, kif johrog inkonfuttabilment mill-provi prodotti, li l-hlasijiet effettwati lill-Attur sad-data tac-citazzjoni qatt ma hargu minn but il-Konvenut izda dejjem gew minn fondi u hlas mis-Socjetá S.C.I. (ara xhieda Dr. Alex Perici Calascione a` fol 802 u 1543-1544; ara wkoll traskrizzjoni tax-xhieda tal-President tas-socjetá S.C.I. Eric Lindberg a fol 1402-1403, 1417 u 1419).

**44.** Dan ifisser li l-pretiza tal-Attur, fil-kuntest tal-kontestazzjoni li temergi mic-citazzjoni, ma hijiex li l-Konvenut ma hallasx is-somma dovuta mis-socjetá S.C.I., izda, li skont il-kalkoli tieghu, is-somma mhallsa lilu ghandha tkun hafna iktar.

**45.** Kif insenjat mill-**Qorti tal-Appell Inferjuri per Imhallef Philip Sciberras fis-sentenza PJ Stutters Company Limited vs Michael Debono moghtija fit-28 ta' April 2004** "*Huwa elementari illi meta persuna tassumi li thallas id-dejn dovut mit-terz din tkun qed taghmel dan bi flejjes proprji taghha u mhux, allura, bi flejjes tad-debitur innifsu*. *Kif ragunat minn certi trattisti taljani, fosthom* **Cian** ("Pagamento" D, 4a ed. 241s) *u* **Bianca** ("L'Obbligazione", 286 ss.) "*l' adempimento del terzo costituerebbe atto negoziale solo quando il terzo medesimo, nell'adempiere, disponga della propria sfera giuridica. (cio` che deve escludersi, ad esempio, quando il terzo utilizzando denaro ricevuto dal debitore), rimanendo, altrimenti, un semplice atto esecutivo*".

**46.** Ghalhekk il-Qorti fehmet li l-Artikolu 6 tal-ftehim mertu tal-Kawza, huwa wiehed purament dedikat ghal-hlasijiet dovuti lill-Attur mill-attivitá pendenti tal-operat tas-Socjetá SCI Ltd u ma jirrigwardax hlasijiet dovuti lill-istess Attur in konsiderazzjoni tat-trasferiment tal-attivitá kummercjali ta' S.C.I. Malta favur il-Konvenut. Tali hlasijiet joriginaw minn dak miftiehem bejn l-Attur u l-Konvenut fl-artikoli l-ohra tal-istess ftehim. Il-hlasijiet imsemmija fl-artikolu 6 huma dovuti bis-sahha tal-ftehim konkluz mill-Attur mas-Socjetá S.C.I. kif modifikat f'Jannar tas-sena 1996 li bih S.C.I. kellha tiehu 20% u l-Attur jiehu 80% nieqes, inter alia, il-kummissjonijiet dovuti lill-Accounts Executives, tal-qliegh generat mill-"placements" effetwati minnhom.

F'dan is-sens hija x-xhieda tal-Attur (a` fol 1220 u konferma tal-istess a` fol 1232):-

> "**Dr. Wayne Pisani:** Ha naqralek artikolu 6 tal-ftehim, li qieghed ezebit, il-pagna in kwistjoni qieghda fol 14, li tghid illi, "such activity as is,….and records of the business." Ara nghidx sew li inti skond dan il-ftehim kellek tithallas fuq kull tip ta' pending interviews, coie' bejn kandidat specifiku, u bank specifiku li jirrizulta minn dawn il-hot sheets, u li fil-fatt gie placed fuq dawn il-placements, int kellek tithallas bir-rata tat-80% skond l-arrangament li kellek ma' SCI qabel Gunju 97?
>
> **Xhud:** Dak kien il-ftehim.".

**47.** Is-socjetá estera S.C.I. ghamlet referenza ghal dan il-ftehim fl-ittra ta' terminazzjoni mibghuta minnha lill-Attur (a` fol 426) fejn infurmatu li se tqis l-attivitá pendenti skont il-ftehim imsemmi:- "All pending (Hot sheet) business will be treated as per our agreement".

**48.** Hija ghalhekk il-konvinzjoni tal-Qorti, li l-obbligazzjoni imnissla mis-sens tal-kliem kif imfissra fl-artikolu 6 tal-ftehim ma hija xejn hlief obbligazzjoni fiducjara. Permezz tal-artikolu imsemmi, l-Konvenut bhala okkupant ta' kariga ta' fiducja, appena assunta minnu, u kif lilu moghtija mis-Socjetá S.C.I., irrikonoxxa, li l-Attur ghandu l-jedd ghal 80% tal-qliegh tas-Socjetá S.C.I. nieqes il-kummissjoni dovuta lill-Account Executives, generat min dawk il-'placements' imsemmija fl-ewwel paragrafu. F'dan is-sens, il-Konvenut intrabat li jhallas lill-Attur, dak il-qliegh ekwivalenti ghas-somma talvolta tista' tkun dovuta lilu, jekk il-Konvenut ikun akkwista minghand jew zamm bhala fiducjarju tal-Principal tieghu, cioe` s-Socjetá S.C.I. jekk din tal-ahhar tkun ghaddietlu dawn il-hlasijiet.

**49.** Dan is-sens tal-kliem imfisser fl-Artikolu 6 tal-ftehim in kwistjoni jaqbel perfettament ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha fil-ftehim, cioe` l-Attur u l-Konvenut. Fost ohrajn, dan johrog mill-ahhar korrispondenza mibghuta mill-Attur lill-Konvenut hames t'ijiem qabel ma gie ffirmat il-ftehim (a` fol 384):-

> "*… With regard to the proposals themselves, I would comment as follows. My comments are based on the understanding and intention to simplify matters and to ensure a smooth and clean transition within the shortest time possible. 1. Certain matters that were included in the proposals involve the agreement that has to be reached with Joe within the 30 day period i.e. until 5th July 1997. This includes a statement of what may be due to SCI in London together with a statement of what is due to me on the placements already concluded and those in the pipeline…4. With regard to the operation of the business itself, the idea is to transfer this operation clean to your group. The matter concerning pending telephone and any other bills is to be settled in the usual manner, as there is enough owing from placements already billed as well as those in the pipeline, to settle everything. From both these sums, SCI (UK) will take the usual percentage, and from the remaining you will receive the agreed commission rate, all bills will be paid and I will retain the balance…*".

Ix-xhieda tal-Konvenut fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2009 tkompli titfa' dawl fuq dan il-punt meta qal hekk:-

> "…..*meta ffirmajna l-ftehim jiena lil Alex, Dr Alex ghidtlu dil-klawzola (b'referenza ghall-artikolu 6 tal-ftehim) tista' tnehhija. Qalli ghaliex, ghidtlu ghax dik mihiex enforceable. Ghidtlu l-ewwel nies il-ftehim ta' Paul Caruana ma' SCI jibqa' invigore ghas-semplici raguni li SCI ma iffirmawx dan il-ftehim. Number 2 Paul Caruana qatt ma offra delega li SCI biex l-ammont dovuti lil minghand SCI ihallashom lili. Allura baqa'*

*dejjem that agreement in place. Ghidtlu jigifieri ghaliex qed tinsisti fuqha dil-klawzola, qalli ghax jekk ghalli jista' jkun ihallsuk l-ammont li hu dovut lilu qalli ghal inqas Paul ikollu xi lok legali biex ikun jista' jfittex lil xi hadd. Ghidtlu ok, mela ninsisti iktar issa fuq artikolu 3 fejn l-ammont li dovut minn Paul Caruana anticidenti mill-agreement jibqa' dejjem responsabilita' tieghu, jien kont convered.*" (a` fol 1458).

**50.** Ghalhekk, l-Qorti qed tikkonsidra l-figura tal-Konvenut bhala repositarja ta' fiducja tal-principal taghha u cioe` SCI. L-obbligi fiducjarji llum huma regolati mill-Artikolu 1124(A), li gie introdott fil-Kodici Civili permezz ta' Att XIII ta' l-2004.40 u li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2005 u cioe` qabel ma' sar il-ftehim mertu tal-Kawza u antecedentement ghall-presentata taghha. Din il-Qorti taghmel referenza ghad-Decizjoni fl-ismijiet **Anthony Caruana & Sons Limited vs Christopher Caruana, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Frar 2014** fejn senjatament ghall-artiklu 1124(A) tal-Kodici Civili, intqal fost ohrajn li dan huwa:-

"*……principju ta' dritt applikabbli gia' fid-dritt Ruman fejn kien meqjus bhala "a parasitic institution" (ara Lee, "The Elements of Roman Law", pagna 340), mhux bhala kuntratt imma bhala li jimponi obbligi addizzjonali ghal dawk kuntrattwali fil-kaz ta' certi kuntratti. Il-kuncett ta' obbligazzjonijiet fiducjarja lanqas ma hu marbut necessarjament mal-kuncett ta' trusts li dahal fis-sistema maltija b'mod komplut fl-1 ta' Jannar 2005 u hu ta' applikazzjoni generali f'kull kaz li dak li jkun ikun qed jagixxi f'interess ta' haddiehor meta allura hu mistenni li jagixxi bid-debita*

*attenzjoni u kura. Kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kaz Cordina v. Cordina, deciza fis-26 ta' Settembru 2007, bl- introduzzjoni tal-Artikolu 1124A fil-Kodici Civili, is-sitwazzjoni "giet hafna aktar iccarata", pero` ma giex mahluq kuncett gdid. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Messina v. Galea deciza fil-5 ta' Jannar 1881, il-ligi Rumana kienet u ghada il-"ius comune" ta' Malta u, "nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane". Il-kuncett ta' fiducja bejn il-principal u r-rapprezentant tieghu ilu jezisti fl-istorja legali taghna, u meta tqis li l-konvenut kien jokkupa kariga ta' General Manager, huwa car li l-ekwita` kienet timponi fuqu doveri u obbligazzjonijiet li jmorru lillhinn mill-obbligazzjonijiet kuntratwali tieghu.*

*Manager jinghad li ghandu doveri ta' ghaqal u lealta` lejn il-principal tieghu. Kif jghid il-mibki Professur Joseph A. Micallef fin-noti tieghu dwar il-Kodici ta' Kummerc (pagna 121-123):*

*"The office of manager from the legal point of view embraces both the concept of agency and the contract of trust which arises between the manager and his principal and he must, personally perform the duties which go with this office. The manager is an agent of the principal. He acts on his behalf and in his name. But he also administers the affairs of the principal and is in charge of the business or a branch of business of the principal in one or more fixed places. He is therefore the mandatory of the principal and the main function of his office is to increase the prosperity of the principal. He is therefore also the lessor of work and industry. These characteristics have been referred to by the Commercial*

*Court, Judge Profs. Parnis presiding, in the case Zammit vs Galea et decided on the 5th March 1907. The manager is therefore in relation to his principal an administrator, namely a mandatory and a lessor of work while in relation to third parties he is the representative that binds the principal and therefore is his agent."*

*Il-manager allura avolja m'ghandux responsabbilta` ta' policy making, huwa fiducjarju tal-principal tieghu u jrid jagixxi dejjem in bona fede u b'lealta`. Kif jghidu l-awturi Hayton et fil-ktieb "The Law of Trusts" (pagna 760) fiducjarju ghandu dejjem "a duty of confidence which is coupled with the duty of loyalty", u fost dawn id-doveri hemm dak ta' kunfidenzjalita`, fis-sens, kif jispjegah tajjeb Lord Millet fil-kaz Ingliz Balkiah v. KPMG (1999 1AllER 517): "the duty to preserve confidentiality is unqualified. It is a duty to keep the information confidential, not merely to take all reasonable steps to do so. Moreover, it is not to misuse it, that is to say, without the consent of the former client to make any use of it or to cause any use to be made of it by others otherwise than for his benefit."*

**51.** Ma hemm l-ebda prova fl-atti tal-kawza odjerna li turi li l-Konvenut naqas milli jwettaq xi dmir taht dan l-obbligu, anzi jirrizulta li dan l-obbligu qatt ma seta' jwettqu billi l-Konvenut qatt ma akkwista jew zamm ghandu hlasijiet f'isem is-socjetá S.C.I. li huma dovuti lill-Attur fit-termini tal-artikolu 6 tal-iskrittura in kwistjoni. Ara f'dan ir-rigward il-Qorti qieset u wiznet is-segwenti xhieda li timmerita citazzjoni *in extenso*:-

Dikjarazzjonijiet maghmula mis-socjetá S.C.I.:-

"*We could not legally allocate or pay any "agent" commission due to Paul Caruana to any other agent since Paul Caruana never delegated to us such a payment to be made to Rudolphe Gaerty or anyone else. Our relationship was exclusively with Paul Caruana, and we were not signatories to the agreement Paul Caruana signed with Rudolphe Gaerty. Hence we carried out the procedure requested by us in the termination notice dated 6th June 1997, and settled direct on completing a reconciliation of accounts.*" (a` fol 210)

u

"*We confirm that Rudolphe Gaerty … … was never in control of funds due to Paul Caruana on Old activity since SCI could never recognize Rudolphe Gaerty as the beneficiary of Old activity. SCI had to comply with its contractual obligations and honoured its commitment made in the termination notice directly because it was not a signatory of the agreement between Paul Caruana and Rudolphe Gaerty. In addition Paul Caruana never requested us to send any monies due to him, pertaining to Old activity, to Rudolphe Gaerty, meaning that if we did, it would have placed SCI in breach. Any claims against Rudolphe in this respect would mean Paul Caruana is demanding to be paid twice for the same commission.*

*We confirm Clause 6 was strictly adhered to by SCI directly and any obligations due to SCI by Paul Caruana were settled by Paul caruana himself via a set-off.*" (a' fol 214 ).

u

"*We can most emphatically confirm that Rudolphe Gaerty never handled any funds belonging to Paul Caruana simply because he was never in possession of these funds and also because all the billings relative to business concluded by SCI Malta under Rudolphe Gaerty's management were effected by SCI London.*" (a` fol 432)

<u>Xhieda ta' Dr. Alex Perici Calascione ir-rapprezentant legali tal-Attur li fassal il-ftehim mertu ta' din il-kontestazzjoni:-</u>

"Dejjem b'referenza ghal klawsola numru 6, qieghed nigi mistoqsi jekk is-Sur Caruana bhala trasferitur kienx tah xi delega lil SCI biex hi thallas jew tafettwa pagamenti lil Rudolphe Gaerty u jiena nghid li delega f'dak is-sens ma kienitx saret." (a` fol 804).

<u>Xhieda tal-Konvenut</u>:

"**Xhud:** Niccara, l-invoices kollha jircevuhom huma (cioe CSI), jithallsu huma u mbaghad jipprocessaaw il-payments accordingly. Ovvjament jien ma kellix kontroll fuq one cent u huma ddecidew min jithallas u kemm jithallas. Jigifieri meta ghamlu l-ezercizzju min-naha taghhom, u nfakar li huma m'humiex parti tal-kawza, huma ghamlu s-set-off skond il-ftehim li kellhom huma direttament.

**Il-Qorti:** U inti ma kontx involut fiha din?

**Xhud:** Ma kellix x'naqsam mieghu." (a` fol 1440 wkoll fol 1443).

u

"**Xhud:** Dak il-ftehim kien ta' nstitura bejn Paul caruana u SCI li fil-6 ta' Gunju 1997 gie termiant min-naha taghhom fejn qalulu all pending activity will be treated in the usual manner. Dawn qalu isma ahna ma jinteressaniex x'agreement sa taghmel, l-affarijiet kollha li sa taghmel, la darba ma iffirmax il-ftehim ma setghux jacknowledgejaw li qed jghaddu l-attivita' li kienet dovuta lil Paul Carana lili, u qalu ahna l-agreement taghna mieghek. (a` fol 146-1472).

u

**Xhud:** Ma jezistiex delega, jew konferma anki minn naha ta' Paul Caruana li lili qed jghaddili l-attivita' l-qadima, fejn hu qed jirrikonoxxi u qed jghid lil SCI, isma l-attivitá kollha qadima hija issa mill-lum il-quddiem kollha ta' Rudolph u minn dik ha jhallasni, fhimt jiena nghidlek kellek ragun…

**Dr. Edward Zammit Lewis:** M'hemmx klawzola f'dak is-sens…

**Xhud:** M'hemmx…

**Dr. Edward Zammit Lewis:** Li l-old activity trid thallsu inti bit-80 fil-100 (80/100)…

**Xhud:** Mhux meta hu qed jinforma lil SCI, isma' kull hlas dovut lili, ma kienx hemm delega li l-SCI…

**Dr. Edward Zammit Lewis:** Mhux delega, m'hemmx klawzola fil-ftehim li l-old activity Paul Caruana irid jithallas bit-80 fil100 (80/100), Din id-domanda Sur Gaerty.

**Xhud:** Iva both parties here to recognize that Paul Caruana is owed, from whom? From SCI.

**Dr. Edward Zammit Lewis:** Hekk hadtek...

**Xhud:** From SCI, he is also from SCI not from me." (a` fol 1468-1472).

u

"**Xhud:** Issa, mela meta huwa ghamel l-agreement [b'referenza ghal Dr. Perici Calascione] li prova jaghmel kien illi jbiegh lili as of the 15th of June kollox, old activity u new activity. Effettivament l-old activity umbaghad kienet tithallas lili qed tifhem, umbaghad jiena inhallasha lil Paul Caruana. Immsa SCI qalu ow ahna ma ahniex firmatarji ta' dan il-ftehim, qed tifhem. Jekk jiena ha nhallas lilek l-SCI qaltli jien ha nigi qed nikser l-agreemetn ma' Paul. Allura giet Paul caruana ha jithallas darbtejn? Le thallas direttament minn SCI. U ghaliex ridu hekk l-SCI, ghax l-SCI ridu d-dritt ta' set off dirett ma' Paul Caruana u dak setghu jaghmluh biss jekk huma jzommu kontroll fuq l-old activity.

… … ...

**Xhud:** U as far as UK law was concerned, huma l-komplikazzjonijiet ma' Paul Caruana kellhom kontroll totali fuqu. Kienu jircievu l-flus u kienu jhallsu lil Paul Caruana wara s-set off taghhom. Jekk Paul Caruana kellu xi aggravju fuq l-ammont tal-old activity, kellu dejjem id-dritt anki wara l-ftehim li jiehu u jirkupra l-flus b'kawza diretta maghhom… (a' fol 1499-1500).

u

**"Xhud**: … Jiena ma qatt gejt f'pozizzjoni li nircievi l-flus dovuti lil Paul caruana biex umbaghad inhallashom lilu…

**Dr. Zammit Lewis**: Iva…

**Xhud**: Kull penny li kellu jiehu Paul Caruana ircievih kif jaf hu direttament hu jew l-avukati tieghu." (a` fol 1502) (Ara wkoll ri-ezami a` fol 1517-1518).

**52.** F'dan ir-rigward huwa ukoll valevoli dak li jinghad fit-traskrizzjoni tal-President tas-socjetá Eric Lindberg (a` fol 1402-1403, 1417 u 1419).

**53.** Fid-dawl ta' din l-evidenza, il-kontestazzjoni wahdanija ghal fatt li l-Konvenut qatt ma rcieva flus dovuti lilu mis-socjetá S.C.I. fit-termini tal-artikolu 6 tal-ftehim in kwistjoni li anke tohrog mill-versjoni tal-Attur fix-xhieda tieghu (ara a` fol 1127 sa 1129) ma tistax titqies li ghandha mis-sewwa. L-Attur fix-xhieda tieghu sahansitra jtenni li l-Konvenut zamm wiehed u ghoxrin elf Lira Sterlini li skontu gew mghoddija lilu biex dawn

jghaddihom lill-Attur (a` fol 846). Din il-verzjoni giet kontradetta kemm mill-Konvenut (ara xhieda a` fol 1815) u anke mill-President tas-Socjetá S.C.I. Eric Lindberg (ara a` fol 1815 u traskrizzjoni a` fol 1409 -1410 u 1414-1415) fejn gie sostnut li dan l-ammont jinstab f'kont l-Amerika f'isem M.S.I. ghal ragunijiet hemm indikati.

**54.** Isegwi ghalhekk li l-Konvenut ma kiser ebda rabta fiducjarja mahluqa bl-artikolu 6 tal-ftehim imsemmi. Il-fatti juru li l-Konvenut qatt ma kellu kontroll u lanqas qatt akkwista jew zamm ghandu dawk il-hlasijiet msemmija fl-artikolu 6 tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 1997.

**Decide**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**Tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-Konvenut.

**Tilqa' t-tieni eccezzjoni** tal-Konvenut.

**Tichad it-talbiet** tal-Attur.

**Spejjes tal-Kawza** a` karigu tal-Attur, hlief dawk tal-ewwel eccezzjoni li jkunu a` karigu tal-Konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**